MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.
## PETER BORG COSTANZI

Seduta ta' l-4 ta' Marzu, 2005

Talba Numru. 512/2004

**Creative Refurbishing Centre (Malta) Limited**

**Vs**

**Jaire Cordina u b'digriet tat-Tribunal tad-29 t'April, 2004 l-isem tal-konvenut ghandu jkun spellut "Jair"**

**It-Tribunal**

Ra l-Avviz tat-talba li bih is-socjeta' attrici talbet li l-konvenut ihallas is-somma ta' mija u lira Maltin u ghoxrin centezmu (Lm101.20c) rapprezentanti prezz ta' zewg *trolleys* li gew ikkonsenjati lill-konvenut ghall-uzu tieghu liema *trolleys* gew ridotti fi stat ta' li ma jistghux jigu aktar uzati mis-socjeta' attrici ghall-iskop originali taghhom.

Ra r-Risposta tal-konvenut li biha wiegeb illi l-pretenzjonijiet tal-kumpanija attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt. Iz-zewg *trolleys* li ghalihom qed issir referenza

mill-attrici kienu fi stat tant hazin meta gew mikrija mill-konvenut, li kellu bilfors jaghmlilhom iz-zebgha qabel ma jaghmel uzu ghalihom u minghajr pregudizzju ghall-premess, ic-cifra ta’ mija u lira Maltin u ghoxrin centezmu (Lm101.20c) hija esagerata.

Ra l-verbal tas-seduta tat-22 ta’ Frar, 2005 fejn il-partijiet qablu li fil-fatt in-numru tat-*trolleys* kienu hamsa u mhux tnejn u li dawn ghadhom fil-pussess tas-socjeta’ attrici.

Sema’ x-xhieda ta’ Attilio Briffa, Eucharist Baldacchino u Patricia Borg.

Ra d-dokumenti kollha esebiti u l-atti kollha tal-kawza.

Sema’ t-trattazzjoni ta’ Dr Carlo Bisazza ghas-socjeta’ attrici u Dr Joseph Camilleri ghall-konvenut.

**Ikkunsidra**

Mill-provi prodotti jirrizulta li l-konvenut kera minghand is-socjeta’ attrici hames *trolleys* u dan versu l-korrispettiv ta’ sitta u sebghin lira Maltin u sitt centezmi (Lm76.06c) inkluz il-VAT, liema somma thallset.

Jirrizulta wkoll illi t-*trolleys* ma kienux godda izda kienu wzati.

Il-konvenut ried juza dawn it-*trolleys* ghax-*showroom* li huma jifthu ghaz-zmien il-Milied biex jirriklamaw il-prodotti taghhom f’dawk iz-zminijiet u meta t-*trolleys* gew ikkonsenjati, jirrizulta pruvat illi dawn ma kienux fi stat tajjeb u kien fihom is-sadid. Naturalment, meta l-impjegati tal-konvenut indunaw bil-kundizzjoni ta’ dawn it-*trolleys*, deherilhom illi dawn ghandhom jigu mibruxin u mizbughin biex ikunu prezentabbli ghan-nies. Wara li spicca z-zmien tal-kiri ta’ l-istess *trolleys*, dawn gew irritornati lill-attur fl-istat taghhom mizbugh.

L-ammont mitlub mill-attur jirrapprezenta l-kumpens li jidhirlu li huwa xieraq ghall-fatt li dawn it-*trolleys* inzebghu u fl-opinjoni tieghu ma setax juzahom.

Fid-dawl tas-suespost jirrizulta car illi ma kien hemm l-ebda bejgh ta' *trolleys* mill-attur lill-konvenut.

Jirrizulta wkoll illi l-fatt illi dawn it-*trolleys* inzebghu, dawn gew aktar prezentabbli ghalkemm m'huwiex eskluz li minhabba li l-kulur li ntghazel – ahdar u kulur tad-deheb – ifisser li forsi t-*trolleys* ma setghux jintuzaw bl-istess liberta' li kienu jintuzaw qabel. Jirrizulta li x-xoghol sabiex dawn it-*trolleys* jigu mibruxin u mizbughin, ma kienx xi xoghol li rrikjeda xi ammont ta' hin partikolari u ghalhekk, jekk l-attur ma kienx sodisfatt bil-kulur, facilment seta' jerga' jisprejjhom u huwa proprju dan il-valur li ghalih ghandu dritt jigi kkumpensat l-attur.

Ma gew prodotti l-ebda provi biex jghinu lit-Tribunal jasal ghall-konkluzjoni biex jikkwantifika l-ammont relattiv u ghalhekk, tenut kont illi l-valur ta' dawn it-*trolleys second hand* kien ta' hamsa u ghoxrin lira Maltin (Lm25)-il wiehed u tenut kont ic-cirkostanzi kollha tal-kaz, it-Tribunal jidhirlu li rata ta' hames liri Maltin (Lm5) ghal kull *trolley* ghandu jkun sufficjenti biex b'hekk is-somma komplessiva tigi ghal hamsa u ghoxrin lira Maltin (Lm25).
Tenut kont id-differenza fl-ammont mitlub u l-ammont fuq likwidat, it-Tribunal jidhirlu li ghandu jkun hemm temperament fuq il-kap ta' l-ispejjez.

Ghal dawn il-motivi t-Tribunal jaqta' u jiddeciedi billi jilqa' parzjalment it-talba attrici, jikkundanna lill-konvenut li jhallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' hamsa u ghoxrin lira Maltin (Lm25). L-ispejjez ikunu kwantu ghal kwart (¼) ghall-konvenut u tlett kwarti (¾) ghas-socjeta' attrici.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------